MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Numru 147/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Julian Calleja**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Julian Calleja talli f'Ghawdex:

1. matul il-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Ottubru 2004 ikkommetta serq ta' vettura tat-tip Volkswagen Polo, numru BAK-704, ghad-dannu ta' Carmelo Mercieca, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;
2. matul l-istess lejl, volontarjament hassar, ghamel hsara volontarja fi proprjeta` ta' l-imsemmi Carmelo Mercieca li tammonta ghal Lm400;
3. fl-istess lejl ikommetta serq ta' diversi affarijiet mill-vettura BAK-704 ghad-dannu ta' l-istess Carmelo

Mercieca, liema serq huwa aggravat bil-valur, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;
4. matul il-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Ottubru 2004 ikkommetta serq ta’ vettura Hyundai Accent, numru BAK-601, ghad-dannu ta’ Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;
5. matul il-lejl imsemmi fin-numru 4, ghamel hsara volontarja fi proprjeta` ta’ Carmelo Mercieca fl-ammont ta’ Lm80;
6. fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Ottubru 2004, ikkommetta serq ta’ vettura tat-tip Fiat Punto, numru CAK-761, ghad-dannu ta’ Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;
7. matul il-lejl imsemmi fin-numru 6, ghamel hsara volontarja fi proprjeta` ta’ Carmelo Mercieca fl-ammont ta’ Lm80;
8. matul il-lejl imsemmi fin-numri 6 u 7, ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet mill-vettura CAK-761 ghad-dannu ta’ Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-hin, lok u xorta tal-haga misruqa;
9. fid-29 ta’ Lulju 2003 ikkommetta serq ta’ vettura tat-tip Toyota Starlet, numru KAK-174, ghad-dannu ta’ Joseph Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira, lok, hin u xorta tal-haga misruqa;
10. matul il-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Ottubru u l-1 ta’ Novembru 2004 ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAL-425 ghad-dannu ta’ Marcel Bonello, liema serq hu aggravat bil-lok, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;
11. fl-istess lejl, cioe` dak indikat fin-numru 10, ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet mill-vettura numru EAK-149 ghad-dannu ta’ Carmelo Mercieca, liema serq hu aggravat bil-lok, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;
12. dejjem fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Ottubru u l-1 ta’ Novembru 2004 ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet mill-vettura bin-numru JBC-496 ghad-dannu ta’ Clint Grixti, liema serq hu aggravat bil-lok, hin u xorta tal-haga misruqa;
13. matul il-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Novembru 2004 ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet mill-vettura numru

JBF-706 ghad-dannu ta’ Justin Vella, liema serq hu aggravat bil-lok, valur li jeccedi l-elf lira, hin u xorta tal-haga misruqa;
14. matul il-lejl imsemmi fin-numru 13, ghamel hsara volontarja fi proprjeta` ta’ Justin Vella fl-ammont ta’ Lm526;
15. mid-29 ta’ Lulju 2003 sal-15 ta’ Novembru 2004 xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
16. fil-15 ta’ Novembru 2004 u fix-xhur ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u
17. fil-15 ta’ Novembru 2004 u fix-xhur ta’ qabel zamm jew garr sikkina li jkollha xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni ta’ l-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghruf bhala “flick-knife” jew “flick-gun”;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li, kif jinghad fl-istess sentenza, hadet nota ta’ l-ammissjoni tal-imputat registrata fit-12 ta’ April 2005, iddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u kkundannatu ghall-“piena karcerarja ta’ tliet snin”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Julian Calleja, minnu ppresentat fid-9 ta’ Mejju 2005, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghal dak li jirrigwarda l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; semghet, fl-udjenza tad-9 ta’ Dicembru 2005, lill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri li halfet u ppresentat ir-rapport taghha kummissjonat minn din il-Qorti[1] fl-udjenza tat-12 ta’ Settembru 2005; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa, bazikament, li hu ma kellux jintbaghat il-habs tenut kont tal-fedina penali

[1] Artikolu 6(1)(4) tal-Kap. 446.

relattivament nadifa tieghu – l-unika makkja fuq il-kondotta tieghu li huwa kellu precedentement kienet li f'Mejju tas-sena 2002 kien saq vettura b'manjiera traskurata u perikoluza – kif ukoll peress li dak li gara u li wassal ghall-kommissjoni minnu, matul periodu ta' kwazi sena w nofs, tar-reati li taghhom instab hati kien il-fatt li waqa' fi "krizi". Fi kliem ir-rikors ta' l-appell:

**"Fi zmien li l-imputat ghamel dawn is-serqiet, huwa kien ghaddej minn krizi ta' nuqqas ta' xoghol wara li kien tilef l-impieg tieghu, telqitu t-tfajla, u kien telaq mid-dar fuq nuqqas ta' qbil mal-genituri tieghu, u kollox ma' kollox sab imbaghad min sfruttah u nqeda bih biex waslu jixlef difrejh mal-gustizzja."**

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm fis-sentenza appellata jinghad li l-imputat irregistra ammissjoni fl-udjenza tat-12 ta' April 2005 imkien fl-atti ma hemm indikazzjoni ta' tali ammissjoni f'dik id-data. Il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' April 2005 (fol. 66) ighid semplicement fir-rigward tal-imputat, li hu iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Mill-banda l-ohra, pero`, ma hemmx kontestazzjoni da parti ta' l-appellant li hu irregistra ammissjoni gudizzjarja – a differenza ta' ammissjoni li talvolta tista' tirrizulta minn, per ezempju, l-istqarrija tieghu maghmula lill-Pulizija – u effettivament jidher li fl-udjenza tal-<u>25 ta' Novembru 2004</u> ( u allura fit-tieni udjenza tal-kumpilazzjoni) l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Precisazzjoni ohra li din il-Qorti thossha fid-dover li taghmel hi li strettament ma tezisti ebda piena "karcerarja" – il-pieni li jnaqqsu l-liberta` persunali huma dawk ta' <u>prigunerija</u>, ta' <u>rekluzjoni</u> u ta' <u>detenzjoni</u>.

Din il-Qorti, a differenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kellha l-vantagg tal-ghajnuna ta' rapport dettaljat imhejji mill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri. Wara li ezaminat bir-reqqa dan ir-rapport, din il-Qorti hi tal-fehma li, kemm-il darba l-appellant jaghti sehmu, hemm probabbilita` tajba li huwa jirriabilita ruhu u jpoggi warajh darba ghal dejjem dawk is-sena w nofs ta' sbandament –

li fihom huwa kkommetta d-diversi reati fuq jew minn it-tmien vetturi msemmija fl-imputazzjonijiet – u, maz-zmien, ipoggi warajh kompletament anke l-istigma jew fama li l-istess appellant jirrikonoxxi li illum huwa ghandu (fi kliemu stess – ara pagna 6 tar-rapport – il-fama li jsuq b'mod eccessiv, li jisraq, li ma jroddx lura dak li jissellef, u li taqbizlu malajr). Din il-Qorti taghmilha cara – specjalment lill-istess appellant – li bil-provvediment li sejra taghti l-istess appellant mhux ser "jehlisha hafif". Bil-kontra, hija sejra torbtu ghal tlett snin b'diversi kundizzjonijiet – inkluza l-kundizzjoni li jaghti kumpens lill-vittmi – b'mod ghalhekk li sa ma jkollu hamsa w ghoxrin sena (illum hu ghandu tnejn u ghoxrin) huwa ser jibqa' taht ghajnejn din il-Qorti tramite l-Ufficjal tal-*Probation* talvolta nominat skond il-ligi. Il-Qorti wkoll tirrileva li fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet numri 16 u 17, *supra*, u li jipotizzaw reati taht l-Ordinanza dwar l-Armi, l-appellant ma jistax jitqieghed taht Ordni ta' *Probation*[2], u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tikkundannah ihallas multa komplessiva b'applikazzjoni wkoll ta' l-Artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali. Fir-rigward tar-reati l-ohra, l-ebda wiehed minnhom ma ghandu piena ta' prigunerija li jeccedi s-seba' snin, u ghalhekk ma japplikax l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat lil Julian Calleja hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu "komplessivament piena karcerarja [<u>recte</u>: ta' prigunerija] ta' tliet snin", u minflok:

(a) fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet numri 16 u 17, tikkundannah multa ta' tmenin lira (Lm80), konvertibbli f'sittax-il gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u

(b) fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446, tqieghed lill-appellant Julian Calleja taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-*Probation* skond l-Ordni anness ma' din is-sentenza; kif ukoll, u wara

---

[2] Artikolu 27 tal-Kap. 66.

li rat l-Artikolu 24 tal-Kap. 446, tordna lill-appellant ihallas is-segwenti danni: tlett mitt lira (Lm300) lil Marcel Bonello u erba' mitt lira (Lm400) lil Justin Vella.

Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li qabel ma sar l-Ordni imsemmi, din il-Qorti ottemperat ruhha ma' dak kollu rikjest skond is-subartikolu (7) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza kif ukoll ta' l-imsemmi Ordni jinghataw minnufih lill-imsemmi Julian Calleja u lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------